# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

10.12.2007 0112/2007

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Oldřich Vlasák, Miroslav Ouzký, Herbert Reul u Edit Herczog

dwar il-ġejjieni enerġetiku kkaratterizzat minn kontenut baxx ta’ karbonju

Data ta' skadenza: 26.3.2008

**0112/2007**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġejjieni enerġetiku kkaratterizzat minn kontenut baxx ta' karbonju**

*Il-Parlament Ewropew*,

– Filwaqt li jżomm f'moħħu l-konferenza b'omaġġ lil Loyola de Palacio dwar l-enerġija li kienet tittratta dwar il-politika enerġetika ta' l-Ewropa u t-tielet rivoluzzjoni industrijali li saret f'Madrid fl-1 ta' Ottubru 2007,

– Filwaqt li jissottolinja l-importanza tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima li għandha ssir dalwaqt f'Bali, l-Indoneżja mis-6 sal-15 ta' Diċembru 2007,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minħabba l-bidla fil-klima u s-sigurtà ta' l-enerġija l-politika enerġetika Ewropea qiegħda ssir kulma jmur aktar importanti,

B. billi l-produzzjoni grossa tal-qawwa enerġetika fl-UE ġejja mid-diversi sorsi ta' enerġija kif ġej: enerġija nukleari 31%, faħam 29%, gass 19%, sorsi ta' enerġija li jistgħu jiġġeddu 14% u żejt 5%,

C. billi l-għejun b'emissjoni **baxxa** ta' $CO_2$ (dijossidu karboniku) bħal m'huma l-enerġija nukleari u l-enerġiji li jistgħu jiġġeddu jipproduċu **45%** ta' l-elettriku ta' l-UE li jirrappreżenta **17%** tal-konsum totali ta' l-enerġija,

D. billi l-enerġija nukleari żżomm milli jsiru kważi 720 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' $CO_{2eq}$ fis-sena fl-UE, ekwivalenti għal kważi s-$CO_{2eq}$ kollu li jintrema mill-flotta tal-karozzi kollha kemm hi ta' l-Ewropa,

1. Jemmen li l-UE teħtieġ li tibqa' żżomm taħlita ta' enerġija diversifikata u flessibbli sabiex tiffaċċja l-isfidi kollha f'daqqa tas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, it-tnaqqis tas-$CO_2$ u t-twassil ta' l-elettriku bi prezzijiet kompetittivi u huwa konvint li l-enerġija nukleari tista' tgħin biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kollha;

2. Jemmen li l-ħtiġijiet enerġetiċi ta' l-UE għandhom jiġu prodotti minn sorsi ħielsa mill-karbonju jew teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u jargumenta li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħdanija għal din il-problema globali u għalhekk l-ebda għajn waħdanija ta' enerġija m'għandha tiġi maqtugħa barra jew ipprijoritizzata għal raġunijiet ideoloġiċi jew politiċi;

3. Jappoġġja l-użu effettiv tal-kapaċità nukleari eżistenti u l-bini ta' impjanti ġodda tal-qawwa nukleari biex tkun tista' tiġi ffaċċjata d-domanda futura għall-elettriku;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.